# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 5 T' APRIL 2002

**Avviz Nru 495/00DM**

**Anthony Falzon**

**Vs**

**Richard Attard**

## Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut sabiex jirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm740.30 (seba' mija u erbghin liri Maltin u tlettin centezmi) rapprezentanti flus fdati f'idejh fil-vesti tieghu ta' Accountant tal-attur sabiex teffetwa pagament ta' xi arretrati tal-bolla (National Insurance) tal-attur liema flus gew approprijati minnhu illegalment.

B'riserva ghall kull azzjoni ohra spettanti lill-attur skond il-ligi ghad-danni sofferti minnu bhala rizultat tal-appropriazzjoni indebita tal-flus u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri Legali tal-10 ta' Jannar 2000 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut li gie ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Richard Attard fejn eccepixxa illi:

1 L-ammont pretiz mill-attur mhux dovut u dan kif ser jigi pruvat ahjar waqt is-smiegh tal-kawza odjerna;

2 Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontentendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Mid-deposizzjoni tal-attur jirrizulta illi qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq l-allegazzjoni illi huwa kien ghadda ammonti ta' flus lill-awditur tieghu, l-konvenut, sabiex dan jghamel pagamenti ghan-nom tieghu lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ghas-saldu ta' ammonti ta' flus li kellu jhallas l-attur ghal bolli tas-sigurata nazzjonali dovuti mill-impjegati tieghu.

L-istess attur jssostni illi kien imur regolarment ghand il-konvenut u jhalli ghand l-istess konvenut ammont ta' flus kontanti sabiex dan il-konvenut jibatu lill Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' cekk.

L-istess attur ghamel ir-riferenza ghall-iskeda in segwitu pprezentata mill-awditur il-gdid tieghu Michael Warrington (dokument MW 1 a fol 16 u 17 tal-process) fejn huma indikati l-kontibuzzjonijiet mensili li kellu jghamel l-attur bejn April 1997 u April 1999.

Ghalhekk il-provi rikjesti minghand l-attur huma, fl-ewwel lok, prova illi huwa effettivament ghamel il-pagamenti kollha indikati fl-imsemmija skeda tal-25 ta' Marzu 1997 (Dok MW1) u mbghad il-prova illi l-konvenut ma ghaddiex dawn il-hlasijiet kollha lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jigbor dawn il-hlasijiet f'isem id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali.

Dwar il-prova tal-hlasijiet li l-attur jallega li ghamel lill-konvenut, huwa ddikjara illi ghalkemm huwa dejjem hallas il-pagamenti mensili in kontanti huwa qatt ma nghata rcevuta. Issostni illi xi pagamenti kien ghamilhom ibnu u dawn il-pagamenti kienu jsiru jew lill-konvenut personalment jew lill wiehed mill-iskrivani tieghu.

Ghalkemm jghid l-attur li ma kienx jinghata rcevuta huwa stqarr illi, fuq l-iskeda ta' hlasijiet li kien izomm l-awditur konvenut, l-istess konvenut kien jindika li l-attur kien ghamel il-hlas. Minn-naha tieghu

L-istess Michael Warrington esibixxa kopja tal-istess skeda maghmula mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali liema kopja kien sab fil-file illi huwa kien irtira minghand il-konvenut u indika din l-iskeda illi anke f'dawn l-istess notamenti l-konvenut kien allega biss illi ghamel il-hlasijiet sa Jannar ta' 1999.

Inoltre l-istess Michael Warrington kien iccertifika mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali illi l-pagamenti minn Novembru 1998 sa April 1999 kienu baqghu ma sarux u anke fil-file relattiv ma kien sab ebda ircevuti minghand id-dipartiment relattivi ghall dawn ix-xhur.

Fl-istess Michael Warrington imbaghad allega illi sab ukoll xi ammonti ohrajn illi kellhom jithalsu mill-konvenut li insegwitu kienu thallsu wara li kien gie interpellat ghal daqshekk.

Ghalkemm l-attur issostni illi qatt ma nghata ircevuta, ibnu Etienne Falzon xehed fil-15 ta' Novembru 2001 illi kien ghamel xi pagamenti lill-konvenut f'isem missieru u jghid illi kien jiehu l-iskeda li qieghed esibita (a fol 19 fil-process) u mal-pagament il-konvenut jew impjegat tieghu kien jghamlulu firma fejn l-ammont li kienu rcevew. Izda dan l-istess xhud ma setghax jindika liema huma l-pagamenti li effettivament kien ghamel hu ghan-nom ta' missieru.

Mid-dokumenti esibiti jirrizulta illi dawk l-ammonti illi l-attur jssostni illi hallas lill-konvenut u li dan baqa' ma hallasx lid-dipartiment huma dawk dovuti f'Novembru tal-1998, Jannar tal-1999, Frar tal-1999 u Marzu tal-1999 ghall-ammont totali ta' seba' mija u erbghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm740.30).

Ghalhekk il-provi li l-attur huwa tenut li jgib quddiem il-Qorti ghandhom jkunu provi relattivi ghal dawn il-pagamenti biss. Minn-naha tieghu l-konvenut issostni permezz tax-xhieda ta' Herman Depasquale illi huwa effettivament kien irceva l-pagamenti kollha illi jssostni l-attur ghax-xhur kollha bejn April 1997 u Jannar 1999 u illi kien qaghad baqghalu jhallas ghan-nom tal-attur is-somma ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmi (Lm322.40) li tirriferi ghax-xhur ta' Novembru 1998 u Jannar tal-1999. Issostni l-konvenut permezz tad-deposizzjoni ta' Herman Depasquale illi dan l-ammont ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u

erbghin centezmi (Lm322.40) kien ghadu ma thallas peress illi ghal xi raguni jew ohra ic-chekk li kien digia spediet lid-dipartiment ma kienx issarraf. In sostenn ta' dan esibixxa kopja tal-ittra tal-konvenut tat-2 ta' Frar tal-1999 li maghha kien anness ic-chekk ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmi (Lm322.40) mahrug fuq il-bank APS.

Meta l-konvenut skopra li dan ic-cekk ma kienx issarraf huwa ghamel cekk gdid u baghatu lill-attur ghas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha tal-attur.

Evidentement l-attur li kien qieghed jippretendi somma ta' seba' mija u erbghin lira Maltin u tletin centezmu (LM740.30) ma accettax,,,,,,,,,,,,,,,,,,,,,,

Ghalhekk il-kwistjoni odjerna giet limitata biss ghal dawk l-ammonti li kellhom jithallsu skond l-iskeda fi Frar u Marzu tal- 1999 u dana peress illi ghandu jigi prezunt illi dak l-ammont li kellhu jithallas f'Aprill tal-1999 l-istess attur jirrikonnoxxi illi ma kienx ghamel dan il-pagament lill-konvenut u ghalhekk ghamlu direttament hu lid-dipartiment koncernat.

Ghalkemm jirrizulta sodisfacentement ipprovat illi l-pagamenti fis-somma ta' erba' mija u sbatax il-lira Maltin u disghin centezmu (Lm417.90) dovuti fi Frar u Marzu tal-1999 ma kinux saru mill-konvenut, u dan jammettih l-istess konvenut, ma jirrizultawx provi sodisfacenti illi dawn l-ammonti kienu thallsu mill-attur lill-konvenut.

Infatti ghalkemm l-attur issostni illi l-pagamenti kollha indikati fl-iskeda kien ghamilhom lill-konvenut jirrizulta li almenu l-pagament t' April 1999

nonostante d-deposizzjoni tieghu l-attur ma kienx ghamlu lill-konvenut ghax fil-fatt hallas dan l-ammont direttament lid-dipartiment.

Jirrizulta wkoll illi Etienne Falzon ikkonferma illi kull meta sar pagament minnhu ghan-nom ta' missieru l-attur huwa kien jiehu kopja tal-iskeda mieghu w il-konvenut kien jghamel notament. L-unici skedi illi gew esibiti mill-istess attur huma dawk a fol 16 u a fol 19 tal-process fejn jirrizultaw illi l-marki saru sa Jannar tal-1999 ossia sa fejn effettivament il-konvenut jammetti li kien thallas.

Il-fatt wahdu illi l-konvenut fiz-zmien li gie irtirat minghandhu l-file kien ghadu ma ghamilx xi pagamenti li kien tenut jghamel lill-attur, ma twassalx ghal konkluzzjoni illi huwa ghandu jigi tenut illi rcieva dawk il-pagamenti kollha ohra illi l-attur jogghbu jallega.

Infatti ta' kull pagament li kien ghadu dovut skond ix-xhud Michael Warrington il-konvenut esegwixxa l-obbligu tieghu ghal hlas kif appena interpellat.

Huwa wkoll relevanti f'dan ir-rigward illi l-attur li huwa fin-negozju w anke jopera numru ta' buses tal-linja ma zamm ebda notamenti dwar l-ammonti u dati ta' meta jssostni li ghamel il-pagamenti u strah biss fuq l-iskeda a fol 16 u l-marki li ghamillu fuqhom l-istess konvenut.

Ghalkemm fl-istess skeda ma jirrizultaw ebda dettalji imma fl-iskeda a fol 16 dokument MW1 jirrizultaw marki wkoll hdejn il-pagamenti ta' Novembru u ta' Jannar li effettivament il-konvenut jammett li rcieva.

Ghaldaqstant issib illi l-attur ma ppruvax sodisfacetement it-talba tieghu ghar-rifuzzjoni tas-somma ta' seba' mija u erbghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm740.30) izda jirrizulta biss illi huwa ghadt baqghalu jiehu minghand il-konvenut is-somma digia offruta ta' tlett mija tnejn u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm322.40).

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur ghar-ragunijiet indikati fl-avviz is-somma msemmija ta' tlett mija tnejn u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm322.40) bl-imghaxijiet legali b'effett mill-24 ta' April 2000.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez billi mid-deposizzjoni tal-attur mhix kontestata jirrizulta illi l-konvenut offra l-hlas ta' tlett mija tnejn u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm322.40) wara li digia kienu nizzjati dawn il-proceduri tordna li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia

Dep.Reg. Civil 35